MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 445/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. James Grech)**
**Vs**
**Ali Mohammed Hasan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Gunju 2009 ghal habta tad-2100 hrs gewwa Putirjal, Floriana:

1. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ahmed Ragiab detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 46103A kontra l-volonta' tieghu;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-Ahmed Ragiab Shaafi u kkagunalu offizi ta' natura

Gravi skond kif iccertifikat minn Dr. Andrew Amato Gauci M.D. (Reg. 5116);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb ta' valur li ma jeccedix il-€ 232.94 ghad-detriment ta' Ahmed Ragiab Shaafi liema serq sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna ghalhekk jitqies agravat bil-Vjolenza u bil-Hin;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu f'idejh jew garr fuqu sikkina b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenza tal- Kummissarju tal-Pulizija.

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat;

6. u aktar talli nhar il-21 ta' Settembru 2009 ghal habta tat-2000hrs, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

7. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBR549 ta' l-ghamla Mitsubishi kif ukoll vettrina li tinsab gewwa Fontana Bar sitwat f'Putirjal Floriana ghad-detriment ta' Elton Anthony Borg detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 323478M liema ammont ta' hsara jeccedi l- € 1,164.69;

8. fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, minghajr ma dorob jew sawwat hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra diversi persuni;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra diversi persuni sabiex ingurjhom, idejjaqhom jew jaghmillhom hsara;

10. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil diversi persuni;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 86, 339(1)(d), 214, 216, 261(a) u (f), 262, 270, 274, 277, 281(a), 325(a), 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-appellat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija w mija w hamsin Euro (€150) multa w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin l-appellat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Rigward il-hames akkuza migjuba kontra l-appellat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2009, kif riportat aktar qabel f’din is-sentenza, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din il-hames akkuza migjuba kontra l-appellat li tirrigwarda ricettazzjoni.
Rigward it-talba tal-prosekuzzjoni fl-akkuza maghmula a tenur tal-artikolu 412C tal-Kap. 9, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Novembru, 2009, kif riportat aktar qabel f’din is-sentenza dwar din it-talba, l-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din it-talba tal-Prosekuzzjoni fl-akkuza maghmula a tenur tal-artikolu 412C tal-Kap. 9.
Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rabtet lill-appellat Ali Mohammed Hasan b’obbligazzjoni personali ta’ elf Euro (€1000) li jzomm il-kwiet ma Ahmed Ragiab Shaafi u Elton Anthony Borg ghal zmien sena.
Finalment il-Qorti tat lill-appellat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li dina l-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ddikjarat u sabet htija kontra l-appellat u thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena w wara tinfliggi kontra l-appellat il-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti erogat piena taht il-minimum preskritt mill-ligi kif ukoll il-piena hija wahda mtaffija zzejjed.
Illi f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellat ghal sentejn prigunerija w mija w hamsin Euro (€150) multa w ssospendiet is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' tlett snin.
Ili l-appellat ammetta ghall-akkuza ta' serq aggravat bil-vjolenza w skond l-artikolu 274 tal-Kodici l-piena stabilita ghal serq akkumpanjat b'offiza gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 ta' l-istess kodici hija dik ta' prigunerija ghal zmien minn tliet snin sa disa' snin. Barra minn hekk is-serq kien ukoll aggravat bil-hin u skond l-artikolu 277 il-piena ma tistax tinghata fil-minimum.
Illi apparti s-serq aggravat bil-vjolenza w il-hin, l-appellat kien mixli b'sensiela ta' reati ohra li ma kienux konnessi ma' din is-serqa. Ghaldaqstant, kellu jigi ukol applikat l-artikolu 17 f'dan is-sens, ezercizzju li jidher li ma sarx mill-Ewwel Qorti meta erogat il-piena.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fic-cirkostanzi, sentenza sospiza ma hiex piena idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat :

Illi l-Avukat Generali qieghed jilmenta mill-ewwel sentenza peress illi dina erogat piena illi hija taht il-minimum kontemplat mill-Ligi.

L-appellat ammetta l-akkuza ta’ serq aggravat bil-vjolenza akkumpanjat b’offiza gravi minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, liema akkuza hija wkoll gravanti bil-hin u ghalhekk skond l-artikolu 277 tal-Kodici fuq imsemmi l-piena ma setghetx tinghata fil-minimum.

Irrizulta wkoll illi l-ammissjoni saret fi stat bikri tal-proceduri, f’liema kaz l-akkuzat setgha bbenifika minn tnaqqis fil-piena pero dejjem fil-parametri tal-Ligi.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri 20-01-1995 *“fuq ammissjoni tal-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax lill-imputat ma jkunx fehem in-natura tal-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-Ligi li tikkundannah, cioe’ ssibu hati ta’ reat.”*

L-Avukat Generali mhuwiex qieghed jallega l-estremi tac-cirkostanzi fuq imsemmija w ghalhekk il-Qorti trid bil-fors tghaddi ghall-kundanna tal-appellat.

Kif tajjeb osserva l-Avukat Generali l-artikolu 274 tal-Kodici Kriminali jghid li l-piena stabbilita ghall-serq akkumpanjat b’offiza gravi, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-istess Kodici, hija dik ta’ prigunerija ghal zmien minn tlett snin sa disa’ snin. Peress illi dan l-incident gara fi 21.00 hrs ghandek l-aggravju tal-hin li skond l-artikolu 277 tal-istess Kodici l-piena ma tistax tinghata fil-minimum.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w filwaqt li tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija kontra l-appellat Ali Mohammed Hasan, thassaraha w tirrevokaha f’dik il-parti fejn il-Qorti

erogat il-piena w wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u s-serjeta’ tar-reat, tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta’ prigunerija effettiva ghal zmien tlett snin u sitt xhur kif ukoll tikkonfermaha fejn ikkundannat lill-appellat multa €150.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------